



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Settembru 2018
(OR. en)

11846/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0134 (NLE)

AGRI 408
AGRIFIN 89
AGRIORG 66

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jiffissa r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-
 settur tal-laħam tat-tjur

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta'...

li jiffissa r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007¹, li tħassar bir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², il-Kummissjoni ngaħtat is-setgħa li tiffissa r-rifużjonijiet meta jitqies li dan ikun meħtieġ askont il-kriterji u r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1234/2007. F’dan il-kuntest ġie adottat ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 689/2013³.
- (2) Bis-sentenza tagħha tal-20 ta’ Settembru 2017⁴, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) Nru 689/2013. Il-Qorti tal-Ġustizzja mantniet li meta ma jiġux osservati r-regoli proċedurali marbutin mal-adozzjoni ta’ att li jkun jaffettwa ħażin lil persuna, dan ikun jikkostitwixxi ksur ta’ kundizzjoni proċedurali essenzjali, u li, għaldaqstant, l-att li jiġi invalidat b’dan it-tip ta’ difett irid jiġi annullat.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

³ Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 689/2013 tat-18 ta’ Lulju 2013 li jiffissa r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 196, 19.7.2013, p. 13).

⁴ Is-Sentenza tal-20 ta’ Settembru 2017, Tilly-Sabco vs il-Kummissjoni, (C-183/16 P) ECLI:EU:C:2017:704.

- (3) Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li minkejja l-ksur ta' kundizzjonijiet proċedurali essenzjali, ma kien ġie żvelat ebda żball li jaffettwa l-konformità tal-att, li kien fih il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007. Għaldaqstant, għall-fini taċ-ċarezza legali u biex jiġi evitat li tiġi affettwata ħażin l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-Qorti ddeċidiet li għandhom jinżammu l-effetti tar-Regolament ikkontestat sa meta jidħol fis-seħħ att ġdid li jissostitwixxi.
- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ħassar id-dispożizzjonijiet proċedurali tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam mal-adozzjoni ta' atti li jiffissaw ir-rifużjonijiet. Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 japplika mill-1 ta' Jannar 2014.
- (5) Għalhekk, biex ikun hemm qbil mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jenħtieġ li r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-laħam tat-tjur jiġu ffissati għall-istess livell kif kienu iffissati bir-Regolament (UE) Nru 689/2013. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika b'mod retroattiv għall-perjodu bejn id-19 ta' Lulju 2013 u l-31 ta' Diċembru 2013.

- (6) Jenħtieġ li r-rifużjonijiet jingħataw biss għall-prodotti awtorizzati għall-moviment liberu fl-Unjoni u li jkollhom fuqhom il-marka tal-identifikazzjoni prevista fil-punt (b) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Jenħtieġ ukoll li daww il-prodotti jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².
- (7) Ir-rifużjonijiet li japplikaw sal-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 689/2013 ġew iffissati bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 360/2013³. Għalhekk, l-iskadenza tal-effetti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 689/2013 jimplikaw, fost affarijiet oħra, li jkun applikabbli r-Regolament (UE) Nru 360/2013. Għalhekk, għall-fini taċ-ċarezza legali, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 360/2013 jiġi mħassar,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

² Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 360/2013 tat-18 ta' April 2013 li jiffissa r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam tat-tjur (ĠU L 109, 19.4.2013, p. 27).

Artikolu 1

1. Ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għandhom jingħataw għall-prodotti, għall-ammonti u għall-perijodu stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament u suġġett għall-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.
2. Il-prodotti li huma eliġibbli għal rifużjoni fuq l-esportazzjoni skont dan l-Artikolu għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004, u b'mod partikolari, għandhom jiġu ppreparati fi stabbiliment approvat u jissodisfaw il-kundizzjonijiet dwar il-marki ta' identifikazzjoni stabbiliti fit-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 360/2013 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-19 ta' Lulju 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

Rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-laħam tat-tjur li japplikaw mid-19 ta' Lulju 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013

Kodiċi tal-prodott	Destinazzjoni	Unità tal-kejl	Ammont tar-rifużjoni
0105 11 11 9000	A02	EUR/100 unità	0,00
0105 11 19 9000	A02	EUR/100 unità	0,00
0105 11 91 9000	A02	EUR/100 unità	0,00
0105 11 99 9000	A02	EUR/100 unità	0,00
0105 12 00 9000	A02	EUR/100 unità	0,00
0105 14 00 9000	A02	EUR/100 unità	0,00
0207 12 10 9900	V03	EUR/100 kg	0,00
0207 12 90 9190	V03	EUR/100 kg	0,00
0207 12 90 9990	V03	EUR/100 kg	0,00

NB: Il-kodiċijiet tal-prodotti u l-kodiċijiet tad-destinazzjoni tas-serje "A" huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 (ĠU L 366, 24.12.1987, p.1).

Id-destinazzjonijiet l-oħrajn huma ddefiniti kif ġej: V03: A24, l-Angola, l-Arabja Sawdija, il-Kuwajt, il-Baħrejn, il-Qatar, l-Oman, l-Emirati Għarab Magħquda, il-Ġordan, il-Jemen, il-Libanu, l-Iraq u l-Iran